MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru 39/1997

**Il-Pulizija**

**(Supt. Paul Vassallo)**

**vs**

**Francis Theuma**

**Illum 25 ta' Novembru 2009**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francis Theuma, bin Paul u Mary nee Aquilina, karta tal-identita' numru 60641 (G) kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

1. Talli fis-27 ta' Frar 1997, u fix-xhur ta' qabel, fix-Xaghra, Ghawdex, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat ser jekk dan

sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2. Fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, f'Ghawdex ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bl-ammont, post u persuna;
3. Talli ircieva ghandu minghand persuna ohra jew kellu fil-pussess tieghu oggetti li ghandhom marka jew sinjal li juri li dawk l-oggetti huma proprjeta' tar-Repubblika ta' Malta, minhgajr ma inghata permess bil-miktub mill-Awtorita' kompetenti sabiex jiddisponi minnhom, u naqas li jaghti kont sodisfacenti;
4. Talli bil-hseib li jahbi proprjeta' tar-Repubblika ta' Malta iddistrugga jew hassar mill-oggetti, li kienu fil-pussess tieghu minghajr permess bil-miktub sabiex jiddisponi minnhom, marki jew sinjali li juru li dawn l-oggetti huma proprjeta' tar-Repubblika ta' Malta

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-13 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 261(c)(d)(e), 267 sa 281, 334, 172, 174, 131 u 533 tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti wara skoperta ta' oggetti li allegatament huma proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u dan in segwitu ghall-investigazzjoni ohra rigwardanti zewg persuni li huma ulied l-imputat. L-Ispettur Pio Pisani kien qed jinvestiga serq mil-lukanda Paradise Bay Hotel f'Malta u fil-"locker" ta' tnejn mill-impjegati instabu diversi oggetti li kienu jappartjenu lill-lukanda. Kien deciz li ssir tfittxija fir-residenza ta' Joseph Theuma u cioe' gewwa 2, Shaft Street, ix-Xaghra Ghawdex u din it-tfittxija kienet posittiva b'dan illi kienu instabu diversi oggetti ukoll

appartenenti lill-lukanda pero’ fosthom kien hemm diversi oggetti ohra li kellhom il-mark G.M. L-oggetti kollha appartenenti l-lukanda kienu elevati u saret tfittxija ukoll fir-residenza tal-impjegat l-iehor Jason Theuma u cioe gewwa 57, Ghajt Qamar Street, Xaghra li hija ukoll ir-residenza ta’ missier iz-zewg impjegati. Hawn ukoll instabu oggetti li jappartjenu lil-Lukanda u diversi oggetti ohra mmarkati GM. L-investigazzjoni dwar l-oggetti mmarkati GM thalliet f’idejn il-Pulizija ta’ Ghawdex.

Fost l-oggetti misjuba kien hemm Licenzji tan-nies tal-hwienet fir-Rabat u ulied l-imputat infurmaw lil Pulizija li dawk kienu ta’ missierhom meta kien jahdem mal-Gvern fil-Price Control Section. Stante li rrizulta li l-imputat kien jahdem bhala watchman, l-pulizija iffokat l-indagini kontra tieghu u dan kien arrestat u intalab jaghmel stqarrija fejn kien innega kollox. Wara stqarrija ohra kien donnu ammetta l-provenjenza ta’ diversi oggetti u eskluda ohrajn li kienu jappartjenu lill-familja tieghu bhalma huma oggetti tal-elettriku u accessorji mahsuba biex jintuzaw fid-djar tat-tfal tal-impuat.

Illi l-Qorti ezaminat l-istqarrijiet tal-imputat u jirrizulta li fl-ewwel stqarrija huwa innega kollox u di piu ghazel li ma’ jiffirmax. Din ittiehdet fit-28 ta’ Frar 1997 u fl-ewwel ta’ Marzu 1997 l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra (it-tnejn minghajr hin indikat fuqhom) fit-tieni stqarrija l-imputat ammetta l-provenjenza ta’ whud mill-oggetti u ohrajn anqas biss kien bihom tant li beda jwiegeb li dak u dak l-oggett aktarx gie minn post jew iehor.

Illi l-Qort mhix konvinta mill-mod kif l-proceduri mxew kontra l-imputat ghaliex hi tal-fehma illi l-imputat qed jghatti ghall-uliedu billi jammetti (jekk l-istqarrija tista’ tittiehed bhala ammissjoni). Fl-ewwel lok tissemma diversi drabi li kien hemm inkjesta dwar dawn l-oggetti izda l-prosekuzzjoni qatt ma esebiet process verbal jew xhud li kien nominat minn Magistrat Inkwirenti. Dan gab mieghu diversi nuqqasijiet fosthom il-fatt illi Michael Camilleri, Kap tal-Iskola ta’ Sannat Primary School, ikkonferma li uhud mill-oggetti li hu ra kienu jappartjenu lill-iskola li hu kap taghha. Din il-kostatazzjoni kellha ssir

quddiem il-Qorti u mhux biss fil-bitha tal-ghassa tal-Pulizija u dan sabiex il-Qorti tkun konvinta li ix-xhud qed jgharaf b'certezza l-oggetti bil-marka G.M. fuqhom u mhux ikun, ad ezampju, qed jirreferi ghall-oggetti mqieghdin gewwa borza tal-plastik bil-marka G.M. fuqha. Il-Qorti anqas kellha almenu sett ta' ritratti tal-oggetti misjuba biex tkun tista' tikkontrolla l-proceduri;

Illi l-prosekuzzjoni qalet li l-imputat kien jahdem bhala watchman mal-Gvern izda prova ta' dan ma resqitx u di piu' l-Kap tal-Iskola Sannat xehed li hu ma jkunx jaf min huma n-nies li qed jagixxu bhala watchman. Huwa xehed ukoll illi kien irrizultalu li l-bieb tal-istores kien sgassat u dan seta jinfetah facilment b'daqxejn forza. Dan allura ghandu jwassal ghall-prezunzjoni li l-imputat inniffsu sgassa l-bieb li tieghu kien imhallas biex jghasses meta fl-istess hin irid iwiegeb ghaliex qatt ma nnota u rraporta dak l-isgass u ghaliex ma kienx prezenti meta l-prezunti hallelin sgassaw il-bieb.

Illi l-Qorti tazzarda zzid li kienet tistenna li l-prosekuzzjoni tressaq il-prova mhux biss li l-imputat kien jahdem bhala watchman mal-proprjeta' tal-Gvern izda ukoll illi kellu inkarigi mal-proprjeta' minn fejn allegatament insterqu dawn l-oggetti.

Din il-Qorti ma tistax' tifhem kif l-indagini hadu zvolta kontra l-imputat meta s-suspetti primarji kienu ulied l-imputat fejn fi proprjeta' ta' wiehed minnhom instabu mhux biss oggetti allegatament misruqa mill-post tax-xoghol tieghu izda ukoll ammont konsiderevoli ta' oggetti tal-Gvern ta' Malta;

Huma dawn il-motivi ghaliex din il-Qorti mhix konvinta li l-imputat huwa responsabbli ghall-oggetti misjuba fil-proprjeta' tieghu li fiha joqghod ukoll ibnu involut fis-serq ta' oggetti ta' lukanda kif intqal supra.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------